# It-tmexxija ċivili tal-Għargħur (1800-1896)

F'Settembru ta' l-1800, it-tmexxija tal-Gżejjer Maltin għaddiet f'idejn l-Ingliżi u mmedjatament il-kummissarju Ċivili Ingliż, beda jaħtar uffiċjal bl-isem ta' logotenent, biex jieħu ħsieb it-tmexxija ta' belt jew raħal. (1) Id-dmirijiet ta' dawn il-logotenenti ġew speċifikati fi proklama li ħarġet mis-Segreterija tal-gvern bid-data ta' l-14 ta' Diċembru 1800 u li ġġib il-firma tas-Segretarju Pubbliku Alexander Macaulay. (2)



Giovanni Gafa li jinsab kemm fis-Sagristija tal-Knisja kif wkoll fid-dar tal-Kappilla

### *Giovanni Gafa (1750-1817)*

L-ewwel persuna li jidher li okkupat il-kariga tal-logotenent ta' Ħal-Għargħur fi żmien l-Ingliżi kien Giovanni Gafa. Gafa li twieled fid-9 ta' Lulju 1750 (3) ta' servizz twil lir-raħal twelidu. Fiż-żmien diffiċli ta' l-imblokk, fi Frar 1799 Gafa ġie elett biex jirrapreżenta lil Għargħur fil-Kungress Malti. (4)

Wara t-tmiem ta' l-Imblokk, Giovanni Gafa mexxa r-raħal tal-Għargħur, għal diversi snin (5) u kien il-kap tar-raħal meta fl-1813, il-gżejjer Maltin intlaqgħu mill-imxija qerrieda tal-pesta. Kien żmien tal-biża', li fih waqqfet l-attività ekonomika kollha. Biex il-foqra ma jbagħtux l-gvern beda jagħti għajnuna li kienet tikkonsisti fi flus u qamħ. Permezz t'ittra bid-data tal-15 ta' Lulju 1813, it-Teżorier tal-Gvern ġie ordnat jagħti lil Giovanni Gafa bħala logotenent tal-Għargħur is-somma ta' 75 skud fil-ġimgħa biex jitqassmu lill-foqra tad-distrett tiegħu. Din l-għotja kellha tibqa' sservi, sakemm jingħataw ordnijiet oħra. Permezz t'ittra oħra bl-istess data, il-ġurati tal-Belt Valletta, kellhom jagħtu lil Gafa, tliet salmi u nofs qamħ kull ġimgħa, għall-istess skop, sakemm jingħataw ordnijiet oħra. (6)

Jidher iżda li ftit wara, Giovanni Gafa, iddeċieda li jirriżenja mill-kariga ta' logotenent ta' Ħal-Għargħur. Permezz t'ittra bid-data tat-23 t'Awissu 1813, il-Pro-Segretarju tal-Gvern Dr. G.W. Zammit infurmah li l-Kummissjoni Ċivili Oakes kien laqa' r-riżenja tiegħu mill-kariga ta' Logotenent tal-Għargħur. Fl-istess ittra Zammit irringrazzja lil Gafa għas-servizzi li kien ta fil-passat u qallu ukoll li l-kummissarju Ċivili kien se jibqa' jiftakar iż-żelu u diliġenza li Gafa wera fit-twettiq tad-dover konnessi mal-kariga mportanti li huwa okkupa b'mod ta' min ifaħħru, għal diversi snin. (7)

Hawnhekk ta' min isemmi li bħala logotenent tar-raħal, kellu għad-dispożizzjoni tiegħu l-użu ta' ġnien li għadu jeżisti sa llum fir-raħal tal-Għargħur. (8) Nafu ukoll li meta kien logotenent kellu l-għajnuna ta' ċertu Caruana. (9) Gafa miet fl-14 ta' Ġunju 1817. (10)

### *Antonio Bennett*

Billi Gafa rriżenja matul l-imxija tal-pesta, ma kienx possibbli li r-raħal jitħalla għal żmien twil bla mexxej. Għaldaqstant permezz t'ittra oħra bid-data tat-23 t'Awissu 1813, bil-firma tas-Segretarju Pubbliku F. Laing, Antonio, Bennett ġie nfurmat li kien ġie maħtur bħala logotenent "intern" (temporanju) bis-salarju u unuri marbutin ma' din il-kariga. (11)

Minn dikjarazzjoni li saret fl-1839, nafu li għal 15-il sena, Bennett kien skrivan mal-Gvern ta' l-ordni ta' San Ġwann, u wara mill-1801 sa l-1813, kien signal pilot f'Ħal Għargħur u f'Tas-Sliema. (12)

Aktarx li Bennett ġie kkonfermat fil-kariga ta'

*Ikompli f'paġna 35*

# It-tmexxija ċivili tal-Għargħur (1800-1896)

*Ikompli minn paġna 33*

logotenent tar-raħal, għax f'Ġunju 1815, wara li l-gvernatur Sir Thomas Maitland għamel riforma fil-qasam tal-gvern lokali, Bennett ġie maħtur Deputat logotenent tal-Għargħur, għax bir-riforma ta' Maitland ta' l-1815, it-tmexxija ta' l-ibliet u l-irħula għaddiet f'idejn uffiċjal bl-isem ta' Deputat Logotenent, taħt is-sorveljanza tal-logotenent tad-distrett. [13] Bennet baqa' jokkupa din il-kariga sakemm ġiet abolità fl-1839. Dak iż-żmien kellu 69 sena. Huwa ngħata pensjoni mill-Gvern Kolonjali.

### *Is-Sindki*

Wara l-miġja tal-Kummissjoni Rjali fl-1836, saret riforma oħra fil-qasam tal-gvern lokali. Permezz ta' l-ordinanza ta' l-1839 tneħħew il-logotenenti u d-deputati logotenenti. Il-kampanja ta' Malta nqasmet f'sitt distretti, u fuq kull distrett, kellu jkun hemm uffiċjal bl-isem ta' Sindku, li kellu jinħatar minn fost l-Avukati. Ir-raba' distrett kien magħmul mill-Mosta, Naxxar u l-Għargħur, u s-Sindku ta' dan id-distrett kellu joqgħod fin-Naxxar. L-ewwel Sindku nħatar f'effett mill-1 ta' Settembru 1839. [15]

Is-Sindki tar-raba' distrett kienu:

**Dr. Carmelo Trapani LLD** maħtur f'Awissu 1839, b'effett mill-1 ta' Settembru 1839. [16]

**Dr. Salvatore Mifsud LLD** maħtur sindku b'effett mill-1 ta' Frar 1899, wara l-mewt ta' Dr. Carmelo Trapani [17]

**Dr. Gaetano Darmanin LLD** ġie maħtur Sindku ta' dan id-distrett fl-1869, wara l-mewt ta' Dr. Salvatore Mifsud. [18]

**Dr. Giov. Batt. Mifsud LLD** ġie maħtur biex jaġixxi proviżarjament bħala Sindku tar-raba' distrett fit-22 ta' Novembru 1890 b'effett mill-21 ta' Novembru [19] iżda jidher li wara ġie kkonfirmat f'din il-Kariga. [20]

**Dr. Raffaele Cassar Torreggiani LLD** fl-1895 kien jokkupa l-kariga ta' Sindku ta' dan id-distrett. Kien fil-fatt l-aħħar Sindku ta' dan id-distrett. [21] Il-Kariga ta' Sindku f'Malta ġiet fil-fatt abolita bl-ordinanza NruIII ta' l-1896. [22] Permezz t'ittra bid-data tal-11 ta' Diċembru 1896, Dr. Cassar Torreggiani ġie nfurmat li kien ġie maħtur Maġistrat b'effett mill-1 ta' Jannar 1897. [23] Huwa miet f'din il-kariga, fid-dar tiegħu fil-Belt Valletta fit-3 ta' Frar 1899 wara marda qasira. [24]


1. L.N.M. 1118 capia lettere principiati li 8 VII800 etermencto li 6 Nov 1800 letter dated I-XI-1800 p262, capia lettere spedite li 8-XI-1800 e termenati li 21-II-18d p279
2. Librerija Nazzjonali Malta Vcl430 voli p174
3. Tagħrif ġentilment mogħti lili minn Dun Karm Bezzina
4. T. Zammit "The Maltese Islands and their History" p388
5. Arkivja Nazzjonali Malta Ordni (4-I-1812 - 5-X-1813) ittra lis-Sur G. Gafa 23 Awissu 1813
6. ANM ordni (4-I-1812-5-X-1813) Lit-Teżorier tal-Gvern 15-VII-1813, lill-ġurnati tal-Belt Valletta 15-VII-1813.
7. IBID, ittra lis-Sur G. Gafa 23-VII-1813
8. IBID, ittra lis-Sur Giovanni Gafa ex-logotenent tal-Għargħar Digriet 24-IX-1813.
9. IBID, ittra lil Antonio Bennett 23-VII-1813
10. Tagħrif mogħti lil minn Dun Karm Bezzina
11. A.N.M. Ordni (4-1-1812-5-X-1813) ittra lis-Sur Antonio Bennett 23 t'Awissu 1813
12. A.N.M. Duplicato Despatetis vol 18, 1839, Despatetis from the Governor No107, 3-IX-1839, f'430V f'431R
13. Malta Govt. gazzette 7-VI-1815, 23-VI-1815
14. A.N.M. Duplicate Despatistes Vol 18, 1839, Despatistes from the Governor No107, 3-IX-1839 f'42N, f'430V, f'431N Letters April 1838-1840 letters to Giuseppe Casolany Cashier of the great treasary 17-XII-1839, p.484, 2-I-1840, p512.
15. MGG 16VIII 1839 pl59, 160
16. IBID p160
17. ANM lettere 11-II-1866-28-11-1867 lettere to S. Mifsud No1070-1-II-1860
18. MGG 10-IX-1869
19. IBID notice No3424, 22-XI-1890 p539
20. Malta Blue Rock 1891 H38; The Malta Times 13-XI-1891
21. MGG 17-XI-1895 no3769, 16-IX-1896
22. IBID 17-XI-1896 p643
23. ANM Letters Dec 1896 - Jan 1897 No 3636 pka
24. The Daily Malta Manicle 4-II-1899.